

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-487 SESSJONI PLENARJA TAT-13 U L-14 TA' FRAR 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Promozzjoni tal-użu kondiviż ta' riżorsi tal-ispettru tar-radju fis-suq intern”

COM(2012) 478 final

(2013/C 133/04)

Relatur: **is-Sur HERNÁNDEZ BATALER**

Nhar it-3 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Promozzjoni tal-użu kondiviż ta' riżorsi tal-ispettru tar-radju fis-suq intern*

COM(2012) 478 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-23 ta' Jannar 2013.

Matul l-487 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta' Frar 2013 (seduta tat-13 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'89 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni sabiex tippromovi l-użu kondiviż tar-riżorsi tal-ispettru tar-radju fis-suq intern, peress li l-konnessjonijiet mingħajr fil (wireless) huma dejjem aktar importanti fl-ekonomija.

1.2 Il-KESE jispera li ċ-ċittadin Ewropew ikun realment il-benefiċjarju aħħari ta' din l-istrateġija kollha u li jkun jista' jibbenefika mill-progress kollu. Għandu jiġi assigurat li l-ispettru allokat ikun sfruttat bl-aħjar mod possibbli, waqt li d-data personali tkun totalment sikura u privata.

1.3 Kull leġislazzjoni adottata għandha tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, sabiex jiġi evitat li d-distakk

diġitali jkompli jikber u li s-soċjetà tal-informazzjoni timxi 'l quddiem b'żewġ veloċitajiet differenti.

1.4 Il-ġestjoni tal-użu kondiviż tal-ispettru għandha twassal għal livell għoli ta' impjeg u żżid il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, f'qafas fejn m'hemmx distorsjoni tal-kompetizzjoni ħielsa. Għandha tittieħed l-opportunità sabiex jissaħħu r-riċerka u t-teknoloġiji innovattivi. Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni sabiex, qabel ma tippromovi l-liberalizzazzjoni tal-ispettru, tiggarrantixxi li kompetizzjoni akbar bejn l-operaturi fil-qasam tal-ispettru tinbidel f'ħolqien nett ta' impjeg. Għalhekk, f'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020, għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-pajjiżi milqutin mill-kriżi ekonomika u fiskali.

1.5 Il-KESE jispera li l-Kummissjoni tadotta r-Rakkomandazzjoni relatata ma' format komuni għad-drittijiet ta' aċċess għall-ispettru kondiviż u terminoloġija komuni għad-dokumentazzjoni tal-kundizzjonijiet u r-regoli tal-użu kondiviż.

2. Introduzzjoni

2.1 L-ispettru huwa riżorsa pubblika fundamentali għas-setturi u s-servizzi essenzjali, fosthom il-komunikazzjoni mobbli, il-komunikazzjoni broadband mingħajr fil u l-komunikazzjoni permezz tas-satellita, ix-xandir bir-radju u t-televiżjoni, it-trasport u r-radjulokazzjoni, u applikazzjonijiet bħall-allarmi, il-kontrolluri mill-bogħod, il-hearing aids, il-mikrofoni u t-tagħmir mediku.

2.2 L-ispettru jikkontribwixxi għall-operat tajjeb tas-servizzi pubbliċi bħas-servizzi tas-sigurtà u tas-sikurezza, inkluża l-protezzjoni ċivili, u l-attivitajiet xjentifiċi, bħall-meteoroloġija, l-osservazzjoni tad-Dinja, ir-radjuastronomija u r-riċerka spazjali.

2.3 Aċċess faċli għall-ispettru jaqdi wkoll rwol fil-provvista ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, partikularment għall-utenti u l-intrapriżi li jinsabu fiż-żoni b'popolazzjoni baxxa jew f'żoni remoti, bħaż-żoni rurali jew il-gżejjer.

2.4 Il-miżuri regolatorji kollha relatati mal-ispettru jista' jkollhom implikazzjonijiet għas-sigurtà, is-saħħa u l-interess pubbliku kif ukoll implikazzjonijiet ekonomiċi, kulturali, xjentifiċi, soċjali u ambjentali.

2.5 Fl-2002, id-Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju stabbilixxiet il-qafas leġislattiv bażiku għall-Politika tal-Ispettru tar-Radju u fl-2012 ġiet ikkompletata bid-Deċiżjoni dwar il-Programm pluriennali dwar din il-politika fl-UE, li dwarha l-KESE kien ħareġ Opinjoni.

2.6 Il-qafas leġislattiv tal-Unjoni jfittex li jiffaċilita l-aċċess għall-ispettru, abbażi tas-sistema ta' awtorizzazzjoni l-inqas oneruża possibbli. Dan il-qafas jiffavorixxi l-użu ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali, ħlief fejn ċarament ikunu meħtieġa liċenzji. Dan il-qafas hu bbażat fuq il-prinċipji tal-użu effiċjenti, il-ġestjoni effettiva tal-ispettru u n-newtralità f'rabta mas-servizz u t-teknoloġija.

Hemm bażi legali biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tindirizza l-ġestjoni tal-ispettru, abbażi tal-qafas legali għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u r-regoli tas-suq intern, tat-trasport u dawk kontra d-distorsjoni tal-kompetizzjoni ħielsa.

2.7 Peress li l-ġestjoni tal-ispettru hija prerekwiżit essenzjali għas-suq diġitali uniku, din l-inizjattiva tikkontribwixxi

direttament sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020. F'konformità mal-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju, il-Kummissjoni tixtieq tikseb kunsens wiesa' rigward il-miżuri proposti biex trawwem l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet mingħajr fili fl-UE biex tiżgura li l-ispettru attwalment allokat ikun sfruttat kemm jista' jkun.

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

3.1 Il-Komunikazzjoni tanalizza l-fatturi li jagħmluha possibbli u li jippermettu l-użu kondiviż tal-ispettru, bħall-broadband mingħajr fili, is-soċjetà konnessa mingħajr fili u r-riċerka u t-teknoloġiji innovattivi, waqt li tenfasizza li:

— l-użu kondiviż ta' frekwenzi tal-broadband mingħajr fili liċenzjati jew eżentati minn liċenzja jippermetti l-iffrankar fl-ispejjeż għall-operaturi tan-netwerks mobbli, konnettività tal-internet irħisa u possibbiltajiet ta' kondiviżjoni tal-infrasuttura;

— ix-xejra lejn soċjetà konnessa turi l-valur miżjud ta' ostakli baxxi għall-aċċess għall-ispettru fuq meded ta' frekwenzi kondiviżi eżentati minn liċenzja bħala l-pedament għall-innovazzjoni mingħajr fili li tistimula l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji mingħajr fili iktar b'saħħithom;

— ir-riċerka ppermettiet li l-aċċess għall-ispettru jinfetħ fuq bażi kondiviżi filwaqt li tiżgura li s-servizzi primarji jiġu protetti. It-teknoloġiji tar-radju konjittiv qed jiżviluppaw illum bl-appoġġ ta' mandati għal standards armonizzati u provi fi proġetti Ewropej ta' riċerka. Jista' jkun mistenni aktar progress fil-qasam ta' detezzjoni u l-użu ta' stazzjonijiet bażi ċellulari żgħar.

3.2 Il-Komunikazzjoni tindirizza l-isfidi fit-triq lejn użu kondiviż akbar tal-ispettru u tiddiskuti l-ġestjoni tal-interferenza dannuża sabiex titneħħa l-inċertezza, il-ħolqien ta' salvagwardji u inċentivi suffiċjenti għall-partijiet interessati kollha u l-kapaċità ta' meded ta' frekwenzi eżentati minn liċenzja.

3.2.1 Dan it-trawwim ta' użu kondiviż akbar tal-ispettru jirrikjedi:

— li jkun hemm responsabbiltà reċiproka tal-utenti dwar limiti aċċettabbli ta' interferenza u strateġiji ta' mitigazzjoni adegwati;

- li tingħata ċertezza legali dwar regoli u kundizzjonijiet applikabbli, proċeduri ta' infurzar kif ukoll trasparenza dwar l-assunzjonijiet tal-kompatibbiltà u d-drittijiet ta' protezzjoni;
- li jingħata inċentiv għall-investimenti fteknoloġiji mtejba li huma ta' benefiċċju għall-utenti eżistenti u addizzjonali, filwaqt li tiġi salvagwardjata u titrawwem il-kompetizzjoni;
- li jiġu identifikati kanali ta' medda ta' frekwenza wiesgħa għall-iżvilupp ta' RLAN kif ukoll jiġi pprovdut tbassir dwar il-konġestjoni sabiex tiżdied il-prevedibbiltà u l-affidabbiltà tal-iżjed meded ta' frekwenzi kondiviżi importanti;
- li jkun żgurat li kwalunkwe tranżizzjoni minn drittijiet tal-użu esklużiv għal użu kondiviż ser ittejjeb il-kompetizzjoni minn utenti addizzjonali u b'mod partikulari ma toħloqx vantaġġi kompetittivi mhux dovuti għal detenturi tad-drittijiet attwali jew futuri.

3.3 Il-Kummissjoni tipproponi li tiżviluppa żewġ għodod sabiex jiġi pprovdut użu akbar u aktar effiċjenti tar-riżorsi eżistenti tal-ispettru:

- approċċ tal-UE biex jidentifika l-opportunitajiet ta' aċċess kondiviż benefiċjali fuq meded ta' frekwenzi armonizzati jew mhux armonizzati, u
- drittijiet tal-aċċess kondiviż għall-ispettru bħala għodod regolatorji biex jawtorizzaw il-possibbiltajiet ta' kondiviżjoni tal-liċenzja b'livelli garantiti ta' protezzjoni kontra l-interferenza.

3.4 Sabiex l-avvanzi teknoloġiċi jippermettu aktar opportunitajiet ta' kondiviżjoni benefiċjali fis-suq intern, il-Kummissjoni tqis li hemm bżonn li jiġi promoss l-investiment u li l-utenti tal-ispettru jitħeġġu jagħmlu użu aħjar tal-assijiet tagħhom tal-ispettru billi jiddefinixxu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, proċess u kriterji ewlenin fil-livell tal-UE biex jidentifikaw l-opportunitajiet ta' kondiviżjoni benefiċjali (pereż. f'frak-komandazzjoni).

3.5 Skont il-Kummissjoni, il-kuntratti ta' kondiviżjoni tal-ispettru jistgħu jipprovdu lill-utenti b'ċertezza legali akbar filwaqt li joħolqu inċentivi bbażati fis-suq, inkluż il-kompens finanzjarju, biex jidentifikaw aktar opportunitajiet ta' kondiviżjoni benefiċjali fis-suq intern, jekk l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jagħtu drittijiet tal-aċċess kondiviż għall-ispettru lil utenti oħra ta' medda ta' frekwenza.

3.6 Għall-passi li jmiss, il-Kummissjoni tipproponi l-miżuri li ġejjin:

- 1) jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' kondiviżjoni benefiċjali fuq il-meded ta' frekwenzi liċenzjati kif ukoll dawk li huma eżentati minn liċenzja;
- 2) titqies il-possibbiltà ta' spettru suffiċjenti eżentat minn liċenzja, armonizzata fil-livell tal-UE, li jkun disponibbli għall-innovazzjonijiet mingħajr fili;
- 3) tiġi definita, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, direzzjoni komuni li tippermetti aktar possibbiltajiet ta' kondiviżjoni, abbażi ta' ftehimiet kuntrattwali bejn l-utenti;
- 4) jiġu konklużi ftehimiet kuntrattwali bejn l-utenti, li għandhom jipprovdu livell akbar ta' ċertezza legali lill-utenti.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-Kumitat jilqa' b'mod pożittiv il-kontenut tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni peress li tagħti bidu għall-proċess neċessarju ta' diskussjoni sabiex il-qafas regolatorju tal-UE fil-futur jiġi allinjat mal-għanijiet tal-Programm pluriennali tal-Politika tal-Ispejru tar-Radju.

4.1.1 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet sabiex jittaffa n-nuqqas ta' spettru vakanti u l-prezz għoli assoċjat mar-riallokazzjoni tal-ispettru għal użi ġodda li jinvolvu ristrezzjonijiet serji għall-użu tal-konnessjonijiet mingħajr fili, waqt li tappella għal tibdil sostanzjali fil-ġestjoni tal-ispettru.

4.2 Sabiex jitneħħew l-ostakli regolatorji attwali għall-użu ta' teknoloġiji innovattivi tal-aċċess bir-radju u jiġi ffaċilitat l-użu kondiviż tal-ispettru, il-Kummissjoni tagħżel approċċ komprensiv fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-ftehimiet bejn l-utenti stabbiliti u l-utenti l-ġodda tal-ispettru jridu jiffaċilitaw b'mod attiv l-użu kollettiv u kondiviż tiegħu.

4.3 Barra minn hekk, huwa maħsub li tittieħed azzjoni abbażi tal-qafas regolatorju eżistenti tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-użu effiċjenti u l-ġestjoni effettiva tal-ispettru kif ukoll in-newtralità tas-servizzi u t-teknoloġija. Għall-KESE dan huwa pertinenti ħafna. B'konsegwenza, il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel użu sħiħ mill-kompetenzi tagħha f'dan il-qasam, bil-għan li ttejjeb u testendi l-użu tal-ispettru tar-radju kemm jista' jkun. Dan għandu jsir billi tintuża l-kompetizzjoni ħielsa u l-konverġenza tal-kriterji tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu, b'enfasi partikulari fuq l-aċċess permezz tal-liċenzji kondiviżi.

4.4 Madankollu, il-Kumitat jixtieq jenfasizza diversi aspetti relatati mal-kontenut ta' din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bil-għan li kemm jista' jkun tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-passi regolatorji futuri dwar l-ispettru tar-radju b'tali mod li jkunu bbażati fuq prinċipji sodi u, b'mod partikulari, fuq dawk tad-demokrazzija, it-trasparenza, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet tal-konsumaturi u tal-utenti tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. B'mod partikulari, id-drittijiet tal-konsumaturi u tal-utenti jridu jkunu protetti b'mod ċar kontra l-frodi, billi jiġu stabbiliti kriterji li jiffaċilitaw il-prezz ġust, l-aċċess ġenerali għall-ispettru, kif ukoll mekkaniżmi effiċjenti tal-ilmenti u l-kumpens. Għandu jiġi assigurat ukoll li s-superviżuri indipendenti jkollhom il-possibbiltà li jissettiljaw il-kunflitti transnazzjonali dwar l-użu tal-ispettru, waqt li jiġu evitati l-interferenzi dannużi. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapporti perjodiċi fejn tindika liema miżuri u miri ntlaħqu frabta mad-drittijiet u l-obbligi msemmijin.

4.5 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fil-kuntest tal-implimentazzjoni futura tal-qafas regolatorju rilevanti, tfassal lista kemm jista' jkun eżawrjenti tal-"ostakli regolatorji" għat-teknoloġiji innovattivi tal-aċċess bir-radju għall-ispettru.

4.6 L-iskop huwa li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, bl-użu ta' skużi li ġejjin minn protezzjoni żejda falza tal-utenti, fir-realtà l-għan ikun li minħabba raġunijiet ta' nazzjonalità jew raġunijiet protezzjonisti simili l-ispettru jitwaqqaf milli jinfetaħ għall-massimu u b'hekk tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' utenti oħra u ta' teknoloġiji innovattivi. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iqis neċessarju li l-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tinbidel f'garanzija ta' aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda għall-persuni b'diżabbiltà.

4.7 Barra minn hekk dan għandu jwassal għal żieda fid-dħul mill-miżati tal-użu tal-ispettru, liema benefiċċji ma jħallu l-ebda dubju. Madankollu jrid jiġi enfasizzat li peress li l-ispettru huwa spazju fiżiku limitat u li l-miżuri pplanati ser iżidu t-traffiku tal-utenti, għandhom jitqiesu b'attenzjoni numru ta' kwistjonijiet, bħall-kumpens għad-detenturi attwali tal-liċenzji ta' użu, kif jiġu evitati l-kollass jew il-kontrazzjoni tal-ispettru minħabba użu żejjed, kif għandha tiġi żgurata l-introduzzjoni ta' teknoloġiji aktar innovattivi, eċċ. F'dan ir-rigward, u minkejja li s-suġġett ta' din l-Opinjoni mhux konsistenti ma' numru ta' opinjonijiet preċedenti dwar l-applikazzjoni tal-miżuri tal-UE relatati mat-tibdil teknoloġiku, bħal, pereżempju, l-hekk imsejjaħ distakk diġitali, għandu jitqies l-impatt reali ta' dawn il-miżuri sabiex jiġu razzjonalizzati l-istennijiet iġġenerati mill-iżvilupp tal-politika tal-UE tal-ispettru tar-radju.

4.8 Min-naħa l-oħra, il-Kumitat huwa favur li, kemm jista' jkun, il-ħruġ ta' liċenzji individwali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun limitat u jippreferi aċċess ħafna aktar miftuħ, dejjem sakemm id-disponibbiltà attwali u r-rispett tad-drittijiet

akkwistati mill-utenti tal-ispettru jippermettu dan. Għalhekk jistieden lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali sabiex il-liċenzji individwali jingħataw fuq bażi limitata u għal raġunijiet solidi ħafna, bil-għan li jiġi ffaċilitat aċċess ħafna aktar miftuħ.

4.9 Fost oġġettivi oħra rilevanti, il-Komunikazzjoni tindika wkoll il-bżonn li jitnaqqas id-distakk teknoloġiku bejn il-manifatturi tat-tagħmir tal-komunikazzjoni elettronika tal-Ewropa u dawk ta' pajjiżi terzi, li waħda mill-kawżi tiegħu hija l-frammentazzjoni tal-qafas regolatorju fis-seħħ. Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex iżżid dikjarazzjoni tal-impatt dwar il-benefiċċji possibbli li jista' jkollu l-ftuħ tal-ispettru sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali fost l-Istati Membri tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Kumitat huwa favur aġġustament urġenti ta' dan il-qafas, u għalhekk għandu fiduċja fil-kapaċità regolatorja tal-Kummissjoni permezz tal-proċeduri tal-komitololoġija.

4.9.1 Min-naħa l-oħra, il-Kumitat jenfasizza l-impenn sod tal-UE għad-drittijiet fundamentali u jappella lill-Kummissjoni sabiex, meta tkun qed tfassal ir-regoli rilevanti ta' aġġustament, tkun prudenti ħafna sabiex tippoteġi dawn id-drittijiet fundamentali bħall-privatezza, is-sigriet professjonali jew l-ipproċessar tad-data li jistgħu jaħżnu l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika.

4.9.2 Ikun utli wkoll li tiġi stabbilita xi forma ta' superviżjoni effettiva tal-aċċess mingħajr liċenzja minn utenti ġodda tal-meded ta' frekwenza, meta dawn ikunu jiddominaw minħabba l-valur miżjud li jiġġeneraw l-innovazzjonijiet teknoloġiċi tagħhom. B'mod partikulari dan jgħodd jekk jinterferixxu fl-użu paċifiku tal-ispettru li minnu jibbenefikaw partijiet terzi li d-drittijiet tagħhom ta' protezzjoni mhumiex iggarantiti minn awtorità regolatorja nazzjonali. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew juri t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-konsegwenzi severi li dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni jista' jkollu fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali (pulizija, ambulanza, servizzi tas-salvataġġ, eċċ.).

4.9.3 B'mod simili, is-sitwazzjoni tal-utenti li jixtiequ jaċċessaw l-ispettru u li jipprovdu servizz ta' interess ġenerali għandha tiġi analizzata f'dettall. Dawn l-utenti jistgħu jiġu eżentati mill-pagament tal-kumpens finanzjarju jew jista' jiġi stabbilit livell simboliku ta' dan il-pagament, permezz ta' dispożizzjoni sovrannazzjonali u eventwalment billi tiġi adottata leġislazzjoni adegwata.

4.9.3.1 Dak li ntqal qabel jgħodd mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġu promossi l-oġġettivi ta' interess ġenerali, b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikulari dak li jirrigwardja r-regoli dwar il-kontenut, il-politika awdjoviżiva u d-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tar-radju tagħhom għal skopijiet ta' ordni pubbliku u sigurtà pubblika.

4.10 Ir-raġunijiet ta' indipendenza u ta' ċertezza legali, barra minn hekk, iwasslu lill-KESE sabiex jissuġġerixxi li r-responsabbiltà għas-superviżjoni u r-rappurtar dwar l-eżistenza tal-ftehimiet tal-użu kondiviż bejn l-utenti u l-konformità tagħhom mar-regoli tal-kompetizzjoni għandha tkun fidejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, fejn xieraq, fidejn il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Dan għandu japplika meta jkun hemm bżonn ta' pjan strateġiku, koordinazzjoni u armonizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjoni ġenerali jew ta' drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, meta dan ikun neċessarju sabiex jingħelbu l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp tas-suq intern.

4.11 Il-Kummissjoni, flimkien mar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u mar-rappreżentanti tal-intrapriżi, għandha theggi kodiċi ta' prattika tajba dwar il-provvista ta' informazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-applikazzjonijiet ta' kondiviżjoni benefiċjali u dwar ir-riżultati tagħhom. Dan għandu jiffaċilita t-tixrid ta' proċessi trasparenti u ġestjoni ottima tar-riżorsi eżistenti fl-"inventarju tal-ispettru".

4.12 Fl-aħħar, il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni sabiex, abbażi tal-ħidma tal-Grupp tal-Politika tal-Ispejtri tar-Radju, tfassal att ta' implimentazzjoni kif indikat fl-Artikolu 291 tat-TFUE, li għandu jgħin biex jinkisbu l-għanijiet f'dan ir-rigward, bħal pereżempju kunċett komuni għal liċenzji ta' aċċess kondiviż kif ukoll it-termini tar-rakkomandazzjonijiet li jħeġġu l-użu ta' kriterji komuni sabiex dawn il-liċenzji jingħataw fl-UE, b'tali mod li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom fl-Istati Membri kollha.

4.12.1 Dan l-att għandu jinkludi, fost elementi rilevanti oħra, il-protezzjoni tal-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa u l-protezzjoni tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-utenti tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikulari sabiex jitbaxxew l-ispejjeż għall-pagament tas-servizzi furnuti mill-provvedituri ta' komunikazzjonijiet bħal dawn.

4.13 Il-Kumitat jinsab konvint li kwalunkwe innovazzjoni teknoloġika li tista' tiġi minn aktar preżenza ta' operaturi tal-ispettru tista' tibbenefika minn finanzjament taħt il-Fondi ta' Solidarjetà tal-UE, sabiex jiġi xprunat l-użu tat-teknoloġija fil-pajjiżi inqas żviluppati tal-UE.

Brussell, 13 ta' Frar 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON
